ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
2013

# Mawra sal-Imdina

## Fieldwork għall-Ħames Sena



maħdum minn

______________________________

# L-Imdina



L-Imdina hija l-Belt prinċipali antika ta' Malta. Din hija waħda mit-tlett ibliet qodma tal-Gżejjer Maltin. Dawn huma l-Imdina, il-Birgu u ċ-Ċittadella.

Innota fuq il-mappa l-pożizzjoni strateġika tagħha, 'il bogħod mill-baħar.

Ikteb l-ismijiet tat-tlett ibliet skont l-ittra li hemm fil-mappa.

A ______________

B ______________

Ċ ______________




Bħala għajnuna biex tiffamiljarizza ruħek mar-rotta ta' dan il-*fieldwork*, ara dokumentarju dwar l-Imdina fuq il-*YouTube*.

Id-dokumentarju huwa maqsum f'żewġ partijiet:

A. https://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=0Unkki8zUxY

B. https://www.youtube.com/watch?feature=player_embedded&v=IRER0m7L_Nc

# Ir-Rotta tal-*fieldwork*

## Ibda minn ħdejn il-Bieb Prinċipali tal-Imdina.



**L-IMDINA** kienet u għadha importanti ħafna fl-istorja ta' pajjiżna. Għaliex?

- Fil-Medju Evu l-Imdina kienet iċ-ċentru jew aħjar il-belt kapitali tal-Gżejjer Maltin – din baqgħet hekk sal-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann f'Malta fl-1530;
- Illum l-Imdina għadha importanti speċjalment minħabba li tiġbed lejha kwantità kbira ta' turisti kull sena.

**L-Istorja tal-IMDINA fil-qosor**:

- In-nies ilhom jgħixu f'dawn l-inħawi sa mill-Preistorja.
- Fi żmien il-Ħakma Rumana fuq Malta, hawnhekk kien hawn il-belt kapitali li kien jisimha MELITA. Melita ta' Żmien ir-Rumani kienet ħafna ikbar mill-Imdina li naraw illum.
- Min ċekken il-belt ta' Melita u dawwarha bis-swar? Ma nafux eżatt; jew l-Għarab jew il-Biżantini; nafu żgur imma li kienu l-Għarab li semmewha MDINA.
- Wara l-ġrajja ta' Monroy, ir-Re Alfonso ta' Aragona ta t-titlu ta' CITTÀ NOTABILE lill-Imdina.
- Meta l-Kavallieri ta' San Ġwann ġew Malta huma marru joqogħdu l-Birgu; allura l-Imdina ma baqgħetx il-belt kapitali ta' Malta. Fl-1693 għamel terremot qawwi u bosta bini fl-Imdina ġratlu l-ħsara. Wara dan it-terremot il-Gran Mastru De Vilhena u l-perit tiegħu Francois Mondion bnew il-bini sabiħ li naraw l-Imdina llum. Mondion fetaħ ukoll il-Bieb Prinċipali li jidher fl-istampa.
- Illum l-Imdina hija magħrufa bħala l-Belt Siekta.

**Wieġeb billi timla l-vojt jew taqta' sing**:
(*xi risposti tista' ssibhom min-noti li hemm f'paġna 2* )



1. Qabel tibda dieħel lejn l-Imdina hemm tabella.

   Sib din l-informazzjoni:

   F'liema sena sar il-Bieb tal-Imdina? ______________.

2. Qabel tidħol mill-Bieb Prinċipali tal-Imdina, ħares lejn ix-xellug, wara ħares ukoll lejn il-lemin.

   X'tara meta tħares 'l isfel? (foss, kappella, ċinema, skola).

3. Min fetaħ dan il-**Bieb Prinċipali** li jidher fl-istampa ta' paġna 1?

   i) Ir-Rabtin

   ii) Il-Gran Mastru La Valette

   iii) Il-Perit Mondion

   iv) L-Isqof ta' Malta

*Idħol fil-pjazza żgħira li hemm fid-daħla tal-Imdina.*



4. Ikteb l-ismijiet tat-tliet qaddisin li hemm fuq il-Bieb Prinċipali tal-Imdina fuq ġewwa.

Iktibhom fl-ordni kif qegħdin, mix-xellug għal-lemin.

Agħżel minn dawn li ġejjin: (San Bert, Santa Marija, Sant'Agatha, Santa Ċeċilja, San Anard, San Ġorġ Preca, San Publiju, San Pawl)

a) ________________________________

b) ________________________________

ċ) ________________________________

5. In-naħa tax-xellug, Inti u dieħla mill-**Bieb tal-Imdina** għandek issib lapida tal-irħam imwaħħla mal-ħajt.




Din il-lapida tfakkar meta l-Maltin irvellaw kontra l-Ħakma tal-Franċiżi. Kien propju hawnhekk li beda l-irvell li wassal biex jitkeċċew il-Franċiżi minn Malta biex minflokhom ġew l-Ingliżi.

Ikteb l-ismijiet ta' tnejn mill-vittmi Maltin ta' dan l-irvell:

i) ______________________ ii) ______________________

6. Din il-lapida turina li xi darba l-Gżejjer Maltin kienu maħkuma mill-Franċiżi. Fil-fatt il-Gżejjer Maltin kienu maħkuma minn ħafna qawwiet u pajjiżi barranin. Minbarra l-Franċiżi semmi, żewġ pajjiżi barranin li xi darba kienu jaħkmu fuq il-Gżejjer Maltin:

i) ______________________ ii) ______________________

7. Fl-istampa li qed tara fuq il-lemin hemm it-**Torri tal-Għassa**; hawnhekk kont issib il-gwardjani tal-Imdina, dejjem lesti biex iżommu l-ordni fil-belt.



i) Illum dan il-bini huwa magħruf bħala (il-Katidral; il-foss; it-Torri tal-Istandard)

ii) Illum il-ġurnata dan it-torri qiegħed jintuża bħala

______________________.

iii) Taħseb li dan it-Torri huwa miżmum fi stat tajjeb, jew huwa mitluq u miżmum fi stat ħażin?

______________________________________________.

iv) Min taħseb li jista' jgħin biex dan it-Torri u bosta bini ieħor fl-Imdina ikunu restawrati u miżmuma fi stat tajjeb?
Agħżel minn dawn li ġejjin: (il-pulizija, il-kunsill lokali, is-suldati, il-ħaddiema tal-banek).



8. Fil-pjazza ta' quddiem it-Torri, tista' tara wkoll palazz sabiħ. Ħares sew lejn dan il-palazz, idħol fil-bitħa sabiħa li għandu quddiemu.
Dan il-Palazz huwa mibni fuq stil importanti ħafna, jgħidulu l-ISTIL BAROKK. Stil Barokk huwa stil li fih ħafna disinji u kumplikazzjonijiet.

Fittex din l-informazzjoni fil-bitħa tal-Palazz.

i) Dan il-Palazz inbena (mill-Gran Mastru De Vilhena, mill-Arċisqof ta' Malta, mill-President ta' Malta, mis-Sindku tal-Imdina)

ii) Manoel de Vilhena kien (il-Gran Mastru, il-President, il-Prim Ministru) ta' Malta li rranġa u sebbaħ ħafna l-belt tal-Imdina.

iii) Fl-istess Palazz illum insibu mużew importanti ħafna, dan huwa (il-Mużew il-Kbir, il-Mużew tal-Istorja Naturali, il-Mużew Arkeoloġiku).

iv) Dan il-mużew huwa importanti ħafna għal Malta għax (fih jaħdmu ħafna wejters, iżuruh ħafna turisti, fih jagħmlu l-eżamijiet tax-xjenza).



9. L-arma li qed tara fir-ritratt tal-lemin hija l-arma tal-Gran Mastru De Vilhena.

**Żewġ** postijiet fejn tista' tara din l-arma huma:

- Mal-faċċata tat-Torri tal-Istandard
- Fuq wara tal-Bieb tal-Imdina
- Mal-Imdina Dungeons
- Mal-Għassa tal-Pulizija
- Taħt il-bust ta' De Vilhena mal-faċċata tal-Palazz de Vilhena

*Mill-pjazza fejn qegħdin – **Pjazza San Publiju**, ibqa' nieżel fuq il-lemin, minn Triq Inguanez. Għandek issib pjazzetta ħelwa.*



10. Hawn insibu l-post fejn jiltaqa' l-**Kunsill Lokali tal-Imdina** llum.

i) X'jismu dan il-misraħ illum?

____________________________________

ii) Liema uffiċjali minn dawn li ġejjin jiltaqgħu fil-bini tal-Kunsill Lokali?

(is-Sindku, Ministri, kappillani, Kunsilliera, il-Gran Mastru, Kavallieri).

**Inkomplu l-fieldwork …..**

*Mill-pjazza ta' quddiem il-Kunsill Lokali ibqa' sejjer lejn il-**pjazza tal-Katidral**; fil-pjazza ħares sew madwarek u innota; fittex l-istampi li ġejjin u irrispondi l-mistoqsijiet dwarhom.*



11. Ħares lejn dan il-bini li jidher fl-istampa tal-lemin.



i) Illum, fl-Imdina, ġewwa dan il-bini nsibu (l-Mużewtal-Katidral, l-Palazz tal-Gran Mastri, l-Iskolatal-Patrijiet ta' San Pawl, l-Armerija)

ii) Dan il-bini fl-antik kien is-Seminarju. Fis-Seminarju jitgħallmu dawk li bi ħsiebhom isiru (għalliema, suldati, sorijiet, qassisin). Illum is-Seminarju qiegħed ir-Rabat Malta.

*Dur fuq il-lemin u tiġi fi **Pjazza San Pawl.***



12. Fl-istampa tal-lemin jidher il-**KATIDRAL ta' Malta**. Il-Katidral huwa l-knisja prinċipali tad-Djoċesi Maltija.

Il-Katidral ta' Malta huwa ddedikat lil (San Pawl, Santa Marija, San Pietru, Sant'Agata).

Fl-1693 kien sar terremot Malta. Il-Katidral ġarrab ħsarat kbar. Ħares lejn ir-ritratt li hawn fuq il-lemin. Juri mudell tal-Katidral kif kien qabel it-terremot. Qabbel bejn il-Katidral kif inhu llum u kif kien dak iż-żmien.



Semmi **Żewġ** tibdiliet li tista' tinnota.

i) ______________________________

ii) ______________________________

**Innota li l-pjazza ta' quddiem il-Katidral jisimha PJAZZA SAN PAWL.** *Itla' l-pjazza kollha – dahrek lejn il-Katidral – imbagħad ikser lejn il-lemin; it-triq li qbadt jisimha Triq Villegaignon; fuq ix-xellug ta' Triq Villegaignon issib il-Knisja Tal-Karmnu*)



13. **Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu**:

Hawnhekk, fl-1798, meta Malta kienet maħkuma mill-Franċiżi, il-Maltin raw lill-Franċiżi se jisirqu d-damask. Il-Maltin tant irrabjaw li bdew jiġġieldu lill-Franċiżi biex ikeċċuhom minn Malta. Damu sentejn jiġġieldu sakemm irnexxielhom ikeċċu lill-Franċiżi.

L-istatwa li hemm fil-kantuniera turi (lill-Madonna tal-Karmnu, Sant'Agatha, Santa Tereża).

*Kompli miexi* **Triq Villegaignon** *– kif taqbeż il-***Knisja tal-Karmnu***, tara Palazz sabiħ bit-twieqi mibnija fuq stil Sikulu-Normann; dan il-Palazz jismu* ***PALAZZO FALSON.***

14. **PALAZZO FALSON**:



Palazzo Falson kienet dar privata li llum qiegħdaf'idejn il-FONDAZZJONI PATRIMONJU MALTI.
Għal żmien twil kienet id-dar privata tal-Kaptan Gollcher – dan twieled fl-1889 u miet fl-1962. Kien il-Kaptan Gollcher li laqqam din id-dar id-**DAR NORMANNA**. Bosta turisti llum iżuru din id-dar biex jammiraw il-Kċina, l-Istudju, l-Armerija, is-Salott, il-Kamra tal-Ikel, il-Librerija u bosta kmamar interessanti oħra.

**TPENĠIJA**: Sib xi ħaġa interessanti li qed tara madwarek u penġiha fil-kaxxa li ġejja. Tista' tpenġi xi tieqa, pum ta' bieb, ħabbata, gallarija, jew affarijiet oħra. Wara ikteb ***Kepxin*** ħdejn l-oġġett li penġejt.

*Ir-ritratt jurina triq dejqa fl-Imdina. Probabbli rajt ħafna bħal din it-triq inti u ddur ġewwa l-Imdina waqt dan il-fieldwork. It-toroq dojoq nistgħu nsejħulhom **KARATTERISTIKA** tal-Imdina.*

15. Liema minn dawn li ġejjin jistgħu jissejħu karatteristiċi tal-Imdina?

    Immarka minn dawn:

| | |
|---|---|
| | Post fejn niltaqgħu ma' ħafna turisti. |
| | Darba kien hemm is-Seminarju. |
| | Insibu l-akbar ċinema ta' Malta. |
| | Djar mibnija fuq stil antik. |
| | Hemm ħafna garaxxijiet għax-xarabanks. |
| | Toroq dojoq. |
| | Bosta ġonna. |
| | Insibu l-Katidral. |



*Kompli miexi lejn il-**Wesgħa ta' Sant'Agata**, jew kif inhi magħrufa **Bastion Square** (il-Pjazza tas-Sur). Hawnhekk issib pjazza ħelwa. Tista' wkoll timxi ftit matul is-swar tal-Imdina.*

16. Ħares minn fuq is-swar tal-Imdina. Bil-għajnuna tal-għalliem/a ikteb l-ismijiet ta' tliet ibliet li qed tara minn fuq is-swar:

i) ________________ ii) ________________ iii) ________________

*Minn fuq is-swar, erġa' lura u ikser fuq il-lemin, in-naħa ta'* ***Casa Del Tesoriere****, u kompli miexi. Hemmhekk issib* ***Triq l-Imħażen****. Imxi 'l isfel fi* ***Triq l-Imħażen****, imxiha kollha sakemm tiġi fi* ***Pjazza tal-Mina tal-Griegi.*** *Oħroġ mill-Imdina billi tgħaddi minn* ***Bieb il-Griegi****.*

17. X'ħin toħroġ minn Bieb il-Griegi tiġi (fil-foss, fil-Pjazza tal-Katidral, s-Siġġiewi).

18. Taħt dawn iż-żewġ ritratti, ikteb: **IL-BIEB PRINĊIPALI** u **BIEB IL-GRIEGI**.





19. Liema hu l-eqdem, il-**Bieb Prinċipali** jew **Bieb il-Griegi**?

________________________________________

*B'hekk ġejna fit-tmiem tal-fieldwork tagħna*
*Nittama li ħadtu gost tagħmluh u tgħallimtu bosta affarijiet interessanti fuq l-Imdina*



## NOTI:

Tul is-sena skolastika l-istudenti mit-tielet sas-sitt sena tal-Primarja għandhom jagħmlu taħriġ prattiku (*fieldwork)* b'rabta mas-sillabu tal-Istudji Soċjali. Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar jipprovdi l-pubblikazzjoni bin-noti meħtieġa biex isir dan il-*fieldwork*. L-assessjar għandu jsir skont il-kriterji li ġejjin:

| | **Kriterji:** | **Marki: Massimu ta' 20** |
|---|---|---|
| a. | parteċipazzjoni, il-ħila li ssegwi l-istruzzjonijiet | 5 |
| b. | ħiliet ta' osservazzjoni, identifikar u irrekordjar | 5 |
| ċ. | l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura | 5 |
| d. | Il-preżentazzjoni tad-dokument finali | 5 |
| | **TOTAL** | **20** |

**L-ELABORAZZJONI TAL-KRITERJI:**

| | **Kriterji** | **0-1** | **2-3** | **4-5** | **Marka** |
|---|---|---|---|---|---|
| a. | **Il-parteċipazzjoni, il-ħila li ssegwi l-istruzzjonijiet** | Nuqqas ta' nteress; jiddependi fuq ħaddieħor. | Juri nteress b'xi mistoqsijiet jew risposti; kultant jieħu inizjattiva biex ifittex ir-risposti. | Juri nteress b' mistoqsijiet jew risposti; jieħu inizjattiva kontinwa biex ifittex ir-risposti. | |
| b. | **ħiliet ta' osservazzjoni, identifikar u irrekordjar** | Jiġi ggwidat kontinwament x'għandu jiġi innotat u osservat; jingħata ħafna għajnuna biex jikteb risposti. | Jinnota u josserva b'għajnuna; jikteb risposti b'għajnuna. | Jinnota u josserva b'mod indipendenti; jikteb risposti waħdu. | |
| ċ. | **l-interpretazzjoni tal-informazzjoni miġbura** | Jasal għal-interpretazzjoni wara spjegazzjoni. | Interpretazzjoni korretta. | Interpretazzjoni korretta u bi spjegazzjoni. | |
| d. | **Il-preżentazzjoni tad-dokument finali** | Xogħol mhux ċar u mhux komplut | Xogħol mhux ċar imma komplut | Xogħol ċar, bir-risposti kollha | |
| | | | | **Total** | |

F'każ li xi student, minħabba xi raġuni valida, ma jkunx jista' jattendi s-sessjoni tal-*fieldwork* mal-kumplament tal-klassi, l-għalliem jista', wara konsultazzjoni mal-ġenituri, jinkoraġġixxi lill-istudent biex imur jagħmel il-*fieldwork* taħt is-superviżjoni ta' adult. Fejn dan ma jkunx possibbli, minflok il-*fieldwork* jista' jinħadem proġett ieħor magħżul mil-lista pprovduta.

Grazzi ħafna.

**Anthony Farrugia**
*Uffiċjal Edukattiv - Primarja*

***Hajr lil:***
*Is-Sur Anthony Pace – ex- Uffiċjal Edukattiv – Primarja*
*Ms Marthese Mugliette, Mr Edward Gilson u Ms Carmen Aquilina*
*Educational Assessment Unit (EAU)*